MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 597/2006

**Anthony Bonello (ID253055M) ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Anthony Bonello General Merchants**

**vs**

**Yolanda Farrugia**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' hames mija u hamsin Lira Maltin u disgha u erbghin centezmi (LM550.49) lill-attur bilanc minn somma ikbar dovuta mill-konvenuta lill-attur rapprezentanti l-valur ta' prodotti mibjugha u konsenjati lill-konvenuta mill-attur fuq inkarigu tal-istess konvenuta.

Bl-Ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn eccepiet illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex meta saret l-

konsenja tal-merkanzija hafna mill-merkanzija kienet vicin biex tiskadi u ghalhekk l-attur ma jistghax jippretendi li jithallas.

Minghajr pregudizzju ghal fuq espost originarjament meta sar l-ftehim bejn il-partijijet kien li l-bejgh huwa '*on consignment'* u jekk ma jsirx il-bejgh mill-konvenuta qabel d-data tal-iskadenza tal-prodott l-attur kellu jiehu l-merkanzija lura.

Illi qabel ma ghalqet il-hanut il-konvenuta hadet kwantita' ta' merkanzija lura lil Bonello. L-konvenuta tghid illi hija tat lura lill-attur merkanzija fil-prezz ta' erba' mitt lira maltin (LM400.00), izda l-attur ippretenda li ha mittejn u tnejn u hamsin lira maltin u tmienja u sebghin centezmu (LM252.78) biss. Hi kienet diga hallset lill-attur is-somma ta' sitt mija u hamsa u erbghin lira maltin (LM645.00) total ta' elf hamsa u erbghin lira maltin (LM1045.00). Il-merkanzija li kienet xtrat kien fl-ammont ta' erba' mitt lira maltin (LM400.00).

L-Attur qatt ma bghat '*statement'* biex juri l-ammonti li allegatament thallas anke wara talbiet da parti mill-konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza;
Ra x-xhieda ta' Anthony Bonello, Val Valente u Yolanda Farrugia;
Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza titratta dwar risarciment ta' hlas lill-attur mill-konvenuta ta' merkanzija li hu fornixxa lill-konvenuta bhala proprjetarja ta' Sweet Gallery, Cospicua. L-Attur supplixxa il-hanut tal-konvenuta. Il-konsenja kienet saret f'Novembru, 2002 izda f'Marzu 2003 il-konvenuta ghalqet il-hanut taghha.

Illi mix-xhieda tal-konvenuta jidher illi hija tammetti lli ghandha taghti lill-attur xi flus izda mhux fl-ammont illi

qieghed jigi mitlub minnu peress illi hi sostniet li kienet xtrat mill-attur ‘ *on consignment’* u ghalhekk ippretendiet illi kellha biss tirritorna x-xoghol lura u l-hlas jigi pacut.

L-Attur min-naha l-ohra jghid illi hu bejgh lill-konevnuta merkanzija f’ammont totali ta’ elf u erba’ mija u erbgha u hamsin lira maltin u wiehed u sittin centezmu (LM1454.61) skond l-annessi ‘*statements’* u li  minnhom kien thallas sitt mija u hamsa u erbghin lira maltin (LM645.00).

Illi l-Attur ghamel talba ghal riduzzjoni fl-ammont mitlub minnu ghal hames mija u disa’ Liri Maltin u sitta u sittin centezmi (LM509.66). Ghalhekk it-talba tal-attur giet ridotta f’dak l-ammont wara li deherlu li kien ghamel kalkolu hazin meta gie biex jahdem is-somma tal-merkanzija rritornata.

Fil-fehma tat-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta m’hijiex qed taqbel mall-ammont kif mitlub peress illi l-attur kien arbitrarjament irriduca somma tal- merkanzija rritornata mill-konvenuta bil-hamsa u ghaoxrin fil-25%. Il-Konvenuta qieghda tippretendi lli l-ammont fis-somma dovuta kellu jigi ridott b’ erba’ mitt lira maltin (LM400.00) peress illi il-bejgh kien ‘on consignment.’ Prezz tal-merkanzija rritornata lill-bejjiegh.

L-Ammont tal-merkanzija kien jammonta ghal erba’ mitt lira maltin (LM400.00), izda l-attur ma qabilx mall-konvenuta u jghid illi ma kellu ebda ftehim maghha li l-bejgh kien ‘*on consignment*.’ Jidher illi l-attur minn jeddu kien irriveda l-prezz ta’ merkanzija billi baxxa l-ammont b’hamsa u ghoxrin fil-mija fic-cirkostanzi bhala turija ta’ rieda tajba da parti tieghu. L-Attur jghid illi hu qatt ma kien bejgh lill-konvenuta ‘*on consignment.’* Ghalhekk, hu kien accetta li jiehu x-xoghol lura b’certi kundizzjonijiet u cioe’ li hu jixtrihom lura bi prezz baxx.

Il-Konvenuta min-naha l-ohra tghid illi hi kienet accettat ix-xoghol a bazi ta’ bejgh ‘on consignment,’ ghalhekk hija qieghda tippretendi li l-ammont tal-merkanzija irritornata kellha tibqa’ erba’ mitt lira maltin (LM400.00).

Il-konvenuta qalet illi parti mix-xoghol li kien ipprovdilha l-attur kellu *'expiry date'* qasira. Izda qatt ma ngab prova konklussiva f'dan ir-rigward mill-konvenuta.

It-Tribunal ihoss illi sabiex jasal ghal konkluzjoni gusta u ekwa dwar x'tip ta' ftehim kellhom il-partijiet irid jivvaluta il-ftehim ta' bejniethom. Jirrizulta lit-Tribunal illi ma kien jezisti ebda ftehim bil-miktub. Ghallhekk it-Tribunal ha jkollu joqghod fuq il-verzjonijiet konfliggenti u kontrastanti sabiex jasal ghal konkluzjoni tal-vertenza ta' din il-kawza.

Illi t-Tribunal jifhem illi l-konvenuta iddikjarat illi il-bejgh kien '*on consignment*.' Izda it-Tribunal huwa tal-fehma lli ma ngabet ebda prova ta' dan il-ftehim hlief ghal dak li xehdet hi.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu lli l-attur ghamel hiltu sabiex jghin lill-konvenuta tehles mill-merkanzija. Fil-fehma tat-Tribunal jekk kif qalet il-konveuta parti mill-meranzija kellha '*expiry date'* qasira. Hi ma kelliex taccetta x-xoghol mall-konsenja. L-Attur ha il-merkanzija lura izda hadha lura mhux bil-prezz li kien bejgh lill-konvenuta u rriduca s-somma b'hamsa u ghoxrin fil-mija sabiex ikun jista' jghina. L-Attur eventwalment bejgh l-merkanzija kollha skond ricevuta dokumentata YF1 fl-ammont ta' mittehn u tnejn u hamsin lira maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM252.72) lill-terzi. Din ir-ricevuta ta' hlas lill-attur hija datata 22 ta' Settembru, 2003.

Fic-cirkostanzi u ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi lli jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas s-somma kif ridotta limitatament ghal hames mija u disa' Liri Maltin u sitta u sittin centezmi (LM509.66) bl-imghax mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

Spejjez a karigu taz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------